MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2009

Numru 1120/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR ANGELO GAFA’**
**KONTRA**

**EMANUEL VELLA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Emanuel Vella ta’ 45 sena, bin Leonard u Maria nee’ Zammit, mwieled Pieta’ nhar il- 11 ta’ Ottubru 1964, residenti f’ Etienne, Flat 1, Triq Baldassere Lanci, Fgura u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 514264(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli f' dawn il- Gzejjer nhar it- 12 ta' Novembru 2007, ta xhieda falza fi proceduri kriminali dwar delitt suggett ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien sentejn, sew kontra kemm favur il- persuna imputata jew akkuzata.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni.

Rat illi, ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 382A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, in vista tal-ammissjoni bikrija tal-imputat, din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Struttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali, u ghalhekk il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi prodotti rrisulta li l-imputat kien xehed falz quddiem din il-Qorti diversament presjeduta, kif jidher car mill-istqarrija tal-imputat u mill-kopji tad-deposizzjonijiet moghtija minnu u minn xhud iehor fi proceduri ohra. Din id-deposizzjoni tirrisali ghas-sena 2007, u l-kawza kriminali li kienet giet istitwita kontra terzi u li fiha l-imputat xehed il-falz kienet tirrisali ghal sena qabel. Di fatti, minn dawk id-dokumenti esebiti, din il-Qorti ssibha ftit difficli tifhem ghaliex lill-imputat ma gewx ukoll addebitati lilu imputazzjonijiet fuq uzura, izda dan ma sarx, u l-imputat tressaq biss fuq spergur. Tenut kont ta' diversi cirkostanzi, fosthom il-fedina penali ghal kollox netta tal-imputat, u tal-ammissjoni bikrija tieghu, din il-Qorti m'hix sejra taghti

piena ta’ prigunerija, izda sejra tapplika d-disposizzjonijiet tal-Kap 446 fil-konfront tal-imputat.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikoli 104 (1) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------